MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 413/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta’ Mejju 1973 (Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild SB, illum maggorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa mill-11 ta’ Jannar, elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) (Dok B anness).

Illi sussegwentement il-partijiet addivjenew fuq kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana fejn il-

partijiet irrinunzjaw kull dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin (Dok C anness).

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal diversi snin, u certament mid-data tas-separazzjoni personali.

Illi l-esponenti jissottometti illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi kif ga inghad f’dan l-istadju m’hemm l-ebda manteniment dovut la lejn l-intimata u lanqas versu t-tifel stante li llum huwa maggorenni u ‘l fuq minn tlieta u ghoxrin sena.

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat kull fejn hu opportun fl-istess Registru.

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata, li in forza taghha hija ippremettiet :

Illi l-esponenti sabet l-atti ta’ din il-kawza imwahhlin mal-kaxxa tal-ittri taghha nhar il-15 ta’Jannar, 2013 u allura giet notifikata nhar il-15 ta’ Jannar, 2013. Illi permezz ta’ dawn l-istess atti, din l-Onorabbli Qorti intalbet tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan in vista tal-fatt illi, dejjem skond il-kontenut tar-rikors de quo jezistu il-kondizzjonijiet kollha stipulati mil-Ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista tiddikjara z-zwieg in kwistjoni mahlul u xjolt;

Illi l-esponenti ma kellha l-ebda intenzjoni illi tipprocedi hija b’din il-procedura ghall-hall taz-zwieg u certament hassitha sorpriza u mwegga’ ferm illi r-rikorrenti hass din

il-htiega tant illi wasal sabiex irrikorra sabiex iz-zwieg tieghu ikun dikjarat mahlul min din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-istess esponenti ma kellhiex il-hsieb illi tipprocedi bil-proceduri ghall-hall taz-zwieg minn ma zewgha ghax hija ghadha temmen u thoss illi bejnha u bejn ir-rikorrenti hemm zwieg validu u bhala konsegwenza tat-twemmin Nisrani taghha l-istess esponenti temmen li certament procedura civili bhalma hija dik odjerna ma tistax tbiddel l-istat ta' bejnha u bejn ir-rikorrent, u cioe' dak ta' zwieg validu Nisrani;

Illi allura hija, permezz tal-prezenti, twassal l-oggezzjoni taghha ghall-pronunzjament kif mitlub mir-rikorrent, anke stante il-fatt illi hija ghadha tqis lir-rikorrent bhala zewgha minkejja illi hija ben konsapevoli ta' dak illi L-Ligi nostrana tipprovdi;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti toggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti u dana ghar-ragunijiet kollha premessi bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Jannar, 1997 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------